MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 1013/2006/1

**Maria Rosaria *sive* Miriam Barbara**

**vs**

**Gunnar Ralph Pottag**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Jannar, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici tablet li l-konvenut jigi kkundannat sabiex ihallasha s-somma ta’ elf, mitejn u disgha u disghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1299.48) rapprezentanti somma flus mislufa mill-attrici lill-konvenut u dan skond kif jirrizulta mill-anness Dok. A. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa (i) illi huwa ma sellef xejn minghand l-attrici; u (ii) illi bla pregudizzju ghall-premess il-'*curse obligavit'* hija illecita u konsegwentement il-ftehim milhuq huwa null u bla ebda effett legali; (iii) salv risposta ulterjuri. Bl-ispejjes kollha kontra l-attrici.

Ra l-affidavit ta' l-attrici, u d-dokumenti annessi ma l-istess affidavit.

Sema' x-xhieda ta' l-Avukat Dr. Leon Bencini prodott mill-attrici.

Sema' x-xhieda tal-attrici in kontro ezami.

Sema' x-xhieda tal-konvenut.

Ra l-affidavit tal-konvenut u d-dokumenti annessi ma l-istess affidavit.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attrici qed titlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' Lm1299.48, liema somma skond hi, giet mislufa lill-konvenut minghandha izda ghadha ma thallsitx lura lilha. In sostenn ta' l-allegazzjoni taghha, l-attrici esebiet skrittura privata ffirmata kemm minnha kif ukoll mill-konvenut, fil-prezenza tax-xhud l-Avukat Dottor Leon Bencini, li wkoll iffirma l-istess skrittura. Permezz ta' din l-istess skrittura

privata, l-partijiet ftehmu li l-ammont ta' Lm1299.48 kien gie misluf lill-konvenut minghand l-attrici, u li l-istess somma kellha tithallas lura lill-attrici sal-25 ta' Lulju 2006.

Illi minn-naha tieghu, alavolja l-konvenut fl-ewwel eccezzjoni ecepixxa li ma sellef xejn minghand l-attrici, huwa kkontradixxa dan fix-xhieda moghtija minnu meta accetta illi kien iffirma l-iskrittura privata minghajr ma kien kostrett li jaghmel dan, u meta sahansitra ammetta illi kien sellef xi flus minghand l-attrici u ammetta wkoll li ghandu jhallas lura l-ammont misluf minnu.

Oltre dan, l-Avukat Dr. Leon Bencini, li kien qed jidher ghaz-zewg partijiet fiz-zmien in kwistjoni, jikkonferma illi l-partijiet kienu marru ghandu bl-idejat cari f'mohhhom dwar dak li kienu ftehmu, tant hu hekk illi huwa qabad u nizzel biss dak li kienu diga ftehmu fuqu.  Dr. Bencini xehed illi l-partijiet kienu ffirmaw l-iskrittura privata '*minn jeddhom u liberalment'.*

Jidher illi effettivament dak li qed jigi kkontestat mill-konvenut huwa l-fatt li hu sellef biss l-ammont ta' Lm1129.98, u mhux l-ammont li qed jintalab mill-attrici, u cioe Lm1299.48.  Skond hu, l-Lm169.50 differenza bejn dawn iz-zewg ammonti kien jikkostitwixxi ammont ta' interessi li l-attrici kienet qed titlob, liema interessi jmorru ferm oltre dawk legali.  Il-konvenut isostni li dan l-ammont kien gie inkluz fl-iskrittura privata billi fforma parti mill-kapital mitlub, sabiex b'hekk ma deherx li kien hemm interessi mitluba mhux skond il-ligi.

Illi minn-naha taghha, l-konvenuta tichad li sar hekk, u tghid illi apparti l-ammont ta' Lm1129.98 imsemmi mill-konvenut, liema ammont thallas permezz ta' pagamenti li saru direttament f'kont bankarju tal-BOV, hija selfet lill-konvenut ukoll ammont ta' kontanti li kienu jammontaw ghal inqas minn mitejn lira Maltin.  Ghalhekk l-attrici tichad l-

allegazzjoni illi fl-ammont imsemmi fl-iskrittura privata kien hemm ukoll interessi li jmorru oltre dawk permessibbli mill-ligi.

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti f'din il-kawza, t-Tribunal jidhirlu li ma hemm l-ebda raguni ghalfejn ghandu jemmen illi fl-iskrittura privata datata 21 ta' Marzu 2006, hemm inkluzi wkoll interessi li jmorru oltre dawk legali. Li hu zgur huwa li l-partijiet kienu kompletament miftiehmin, u l-ebda wiehed jew wahda minnhom ma kellu, jew wera xi rizervi dwar dak li kellu jigi ffirmat. Lanqas ma kien hemm xi ilmenti da parti ta' xi wiehed jew wahda minnhom dwar xi kwistjoni ta' interessi meta gew biex jiffirmaw l-iskrittura, tant hu hekk illi x-xhud indipendenti Dr. Leon Bencini ma rrimarka fuq l-ebda ilment jew rizerva ta' xi wiehed mill-partijiet. Ghalhekk in vista ta' dan kollu, t-Tribunal jidhirlu li t-talba tal-attrici ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Fl-ahharnett, dwar l-eccezzjoni tal-konvenut li l-ftehim huwa null u bla effett legali ghaliex huwa mibni fuq kawza illecita, dan it-Tribunal ma jistax jaqbel ma tali ipotesi, specjalment fil-gurnata ta' llum meta s-socjeta' tidher li qed toqrob lejn ir-rikonoxximent tad-drittijiet tal-'*common law wife'*, u meta ghalhekk wiehed ghandu jassigura certa protezzjoni lil min jinsab f'tali pozizzjoni, u jaghmel l-almu tieghu sabiex certi abbuzi jigu kemm jista' jkun imrazzna.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef u sitta u ghoxrin Ewro u seba u disghin centezmu (€3026.97), ekwivalenti ghal Lm1299.48, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut."

Il-konvenut appella minn din id-decizjoni bl-aggravji f'dawn it-termini:-

(1) L-obbligazzjoni minnu assunta kienet nulla ghax gejja minn kawza illecita;

(2) F'kull kaz huwa ma ssellifx flejjes minghand l-attrici in kwantu din offriet minn rajha li tikkontribwixxi ghall-hlas tal-kontijiet;

Ghal dawk li huma fatti jirrizulta mill-atti illi l-kontendenti ghamlu snin jikkoabitaw flimkien fid-dar lokata lill-konvenut. Minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla Amber fil-11 ta' Marzu 1996. Bi skrittura sottoskritta mill-partijiet fil-21 ta' Marzu, 2006 (fol. 2) jinsab dikjarat illi l-attrici silfet lill-konvenut is-somma ta' flus mertu tat-talba promossa bl-azzjoni. Xahar fuq dan is-self ir-relazzjoni ta' bejniethom giet stronkata u ntemmet ukoll il-konvivenza. Il-konvenut affronta t-talba ta' l-attrici ghar-radd lura tas-somma mislufa bid-difiza principali illi l-ftehim tas-self kien null in kwantu derivanti minn qaghda illecita fit-termini ta' l-Artikolu 990 tal-Kodici Civili;

B'din id-difiza l-appellanti qieghed jappilja ruhu mal-konsiderazzjoni illi l-konvivenza *di fatto* u *more uxorio* ta' koppja barra miz-zwieg ghandha t-timbru ta' l-illegalita` u, konsegwentement, dik il-konvivenza in komuni ma tikkreja ebda negozju guridiku effettiv in kwantu kuntrarja ghall-"eghmil xieraq" jew ghall-"ordni pubbliku" (Artikolu 990, Kapitolu 16). Fi kliem iehor, l-appellanti qieghed jissottometti li dik il-konvivenza flimkien ma tgawdix mill-istess karetteristici ta' konvivenza fiz-zwieg ghal dik li hi hija l-organizzazzjoni domestika komuni, il-jeddijiet solidali, u l-identita socio-legali li jipprecizaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili relattiv ghall-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg. Ikollu jinghad, fuq il-fehma tal-Qorti, illi fil-prospettiva evoluttiva tas-socjeta` Maltija din il-qaghda ta' illegittimita ftit li xejn baqa' lokha u l-kundanna jew l-emarginazzjoni l-barra mill-istrutturi legali ma ghandhiex tkompli tippersisti. Din il-konsiderazzjoni

qeghda ssir ghaliex, dejjem fl-opinjoni tal-Qorti, wasal iz-zmien li din ix-xorta ta' konvivenza tircievi soluzzjoni *de iure condendo*;

Premess dan, fis-sitwazzjoni prezenti in bazi ghall-gurisprudenza prevalenti tezisti d-dikotomija bejn dak li jinghata mill-konkubin il-wiehed lill-iehor bhala konsiderazzjoni diretta tar-rapport stess tal-konvivenza u dak li jinghata b'rizultat ta' rapport kontrattwali veru u proprju, indipendentement u awtonomament mir-relazjoni intima tal-konkubinagg (ara "**Raymond Avallone *et* -vs- Therese Agius**", Appell Inferjuri, 3 ta' Novembru, 2004);

Jekk wiehed joqghod ghad-decizjonijiet tal-Qrati taghna, sew tal-passat u anke dawk pjuttost aktar recenti, jidher li l-principju maggoritarju hu fis-sens illi "mhux kull negozju li jsir bejn konkubini hu *ipso facto* u indiskriminitament illecitu" (ara "**Alfonso Morana -vs- Mary Souness**", Appell Civili, 22 ta' April, 1955) ghax kif qalet is-sentenza anterjuri fl-ismijiet "**Emma Perotti -vs- Negte. Antonio Vella Zarb *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 14 ta' Jannar, 1927, "*non si deve conchiudere che ogni obbligazione assunta da un uomo a favore di una donna con la quale ha illecito relazione è necessariamente contraria ai buoni costumi*". Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Johanna Reman -vs- Concetto Papa *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 27 ta' Marzu, 1933. Kif, imbaghad, gie ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili in re: "**Antonio Schembri -vs- Inez Wicker**", 22 ta' Gunju, 1960, kollox "jiddependi mill-provi u mill-konvinciment morali li jitnissel fil-gudikant minn dawk l-istess provi";

Fil-kaz in ezami t-Tribunal sab, fuq il-valutazzjoni proprja tal-provi, illi s-self li sar mill-attrici lill-konvenut ma kellux mill-illecitu ghaliex il-kawza ta' l-obbligazzjoni ma kellhiex rapport fl-istat tal-konkubinagg *ut sic*. Fi kliem l-istess appellanti fl-Affidavit tieghu (fol. 26) fil-bidu tas-sena 2006 "*I found myself a bit tight for cash*" u l-attrici offriet li tghinu bis-self ta' ammont ta' flus biex jaghmel tajjeb ghall-hlas

ta’ l-arretrati tal-kera tal-fond mikri lilu u ghall-arretrati tal-kontijiet tat-*telephone* u tad-dawl u ta’ l-ilma. Meta ma’ dan tigi akkopjata l-konsiderazzjoni illi f’anqas minn xahar fuq dan is-self il-konvivenza iddizentegrat huwa difficli li tigi accettata l-proposizzjoni ta’ l-appellanti illi l-ghan tas-self kien ghal kollox relatat mal-konvivenza ta’ bejniethom;

Sa fejn jirrizulta lill-Qorti mir-ricerka tal-bosta decizjonijiet fuq is-suggett ta’ self bejn konkubini, jidher bi prevalenza illi dan gie dejjem meqjus bhala negozju validu u legali skonness mir-rapport tal-konkubinagg. U la dan huwa hekk, minn jircievi dak is-self anke fil-kors ta’ dik l-unjoni “illegittima” ma jistax legittimament jopponi l-kawza illecita ta’ l-obbligazzoni. Ara, a propozitu, “**Anthony Joseph Bajada -vs- Pauline Lumb**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 29 ta’ Marzu, 1955, u “**Margaret Woodall -vs- Anthony Refalo**”, Appell Inferjuri, 19 ta’ Novembru, 2001. Il-konkluzjoni li tinzel minn din il-qaghda hi dik illi la l-kawza hi lecita u l-obbligazzjoni, legali, id-debitur tas-self ma jistax jezimi ruhu mill-obbligu tar-restituzzjoni billi jgib ‘il quddiem bi pretensjoni l-illiceita tal-kawza ta’ l-obbligazzjoni in kwantu “*tanto moralmente quanto civilmente dovuto*”. Ara “**Antonia Bonnici -vs- Giuseppe Dimech**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 5 ta’ Mejju, 1928. Ghall-osservazzjonijiet kollha predetti l-ewwel aggravju qed jitqies kompletament insostenibbli;

Fir-rigward tat-tieni aggravju hi l-fehma tal-Qorti illi dan huwa ghal kollox nieqes mis-serjeta. Ibda biex, ankorke l-attrici offriet li tassisti lill-appellanti bis-self minnha maghmul dan ma jfisserx illi dak is-self kellu mill-karatteristika ta’ donazzjoni jew li kien irrepitibbli ghax b’rabta mal-konvivenza. Lanqas ma tista’ tigi accettata l-asserzjoni ta’ l-appellanti illi fic-cirkostanzi ma kellux triq ohra biex ihallas il-kontijiet pendenti hlief li jaccetta u jiffirma l-iskrittura, meta *ex concessis*, jistqarr li hu mar ghand l-Avukat Bencini biex jiffirma l-iskrittura “*out of my own free will*”, (ara xhieda tieghu a fol. 21);

Ukoll ma tista' tirċievi l-ebda soljev il-kontenzjoni ta' l-appellanti illi l-attrici ma silfitu xejn ghaliex din minn naha taghha sselfithom minghand terza persuna.  Jibqa' l-fatt li s-self bejn il-partijiet sar u dan billi, kif ukoll accettat mill-appellanti, l-attrici, u mhux ukoll haddiehor, iddepozitalu c-cifra li kellu bzonn fil-kont bankarju mal-Bank of Valletta;

Fl-ahharnett, il-Qorti ma tara xejn inkonsistenti illi t-Tribunal emmen fuq il-kwestjoni tal-kwantum tas-self il-versjoni ta' l-attrici illi din effettivament ghaddietlu b'self *brevi manu* somma ohra addizzjonali ghall-ammont ta' Lm1129.98 li l-appellanti jiddikjara li rceva.  It-Tribunal ma accettax is-suggeriment ta' l-appellanti illi dak is-somma addizzjonali kienet tirrapprezenta interessi uzurarji, u jkollu jinghad illi l-ebda raguni konvincenti ma giet sottomessa biex din il-Qorti tiddissenti, fuq din il-kwestjoni ta' fatt, mill-konkluzjoni tat-Tribunal.

Ghall-motivi kollha suesposti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------